



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.3.2025  
COM(2025) 1 final

2025/0061 (BUD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni  
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni tal-Belġju – EGF/2024/003 BE/Van Hool**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **KUNTEST TAL-PROPOSTA**

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>1</sup>.
2. Fid-29 ta' Ottubru 2024, il-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni EGF/2024/003 BE/Van Hool għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'Van Hool NV fil-Belġju.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI**

|                                                                                |                                                                                 |
|--------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------|
| Applikazzjoni tal-FEG                                                          | EGF/2024/003 BE/Van Hool                                                        |
| Stat Membru                                                                    | Il-Belġju                                                                       |
| Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS <sup>2</sup> 2)                       | Provincie Antwerpen (BE21)                                                      |
| Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni                                       | Id-29 ta' Ottubru 2024                                                          |
| Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni                                  | Id-29 ta' Ottubru 2024                                                          |
| Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali                                 | Is-17 ta' Diċembru 2024                                                         |
| Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali                            | Id-9 ta' Jannar 2025                                                            |
| Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni                                        | It-3 ta' April 2025                                                             |
| Kriterju ta' intervent                                                         | L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691                      |
| Intrapriża primarja                                                            | Van Hool                                                                        |
| Għadd ta' intrapriżi kkonċernati                                               | 1                                                                               |
| Settur(i) ta' attività ekonomika (Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) <sup>3</sup> | Diviżjoni 29 (Manifattura tal-vetturi motorizzati, it-trejlers u s-semirejlers) |
| Perjodu ta' referenza (4 xhur):                                                | Mit-8 ta' April 2024 sat-8 ta' Awwissu 2024                                     |
| Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza                                | 2 411                                                                           |

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

<sup>3</sup> ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

|                                                             |           |
|-------------------------------------------------------------|-----------|
| (a)                                                         |           |
| Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b) | 0         |
| Għadd totali ta' sensji (a + b)                             | 2 411     |
| Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli                     | 2 411     |
| Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira                      | 2 397     |
| Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)                    | 9 034 607 |
| Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)     | 376 000   |
| Baġit totali (EUR)                                          | 9 410 607 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)                         | 7 999 015 |

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

- Fid-29 ta' Ottubru 2024, il-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni EGF/2024/003 BE/Van Hool fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-istess data. Il-Kummissjoni kellha f'idha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni fit-3 ta' Diċembru 2024 u talbet lill-Belġju informazzjoni addizzjonali fis-17 ta' Diċembru 2024. Tali informazzjoni addizzjonali ġiet ipprovduta wara li l-iskadenza ġiet estiża b'10 ijiem tax-xogħol fuq talba debitament ġustifikata tal-Belġju. Id-data tal-iskadenza ta' 50 jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja hija t-3 ta' April 2025.

### Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

#### *Intrapriża u benefiċjarji kkonċernati*

- L-applikazzjoni tirrigwarda 2 411 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet f'Van Hool NV. L-intrapriża kienet topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura tal-vetturi motorizzati, it-trejlers u s-semirejlers). Is-sensji mogħtija minn Van Hool jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta' Provincie Antwerpen (BE21).

#### *Kriterji ta' intervent*

- Il-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat jew persuni li jaħdmu għal rashom fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'impriżi tal-fornituri u tal-produtturi downstream. .
- Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni huwa mit-8 ta' April 2024 sat-8 ta' Awwissu 2024.
- Kien hemm 2 411 ħaddiem issensjat f'Van Hool matul il-perjodu ta' referenza.

<sup>4</sup> F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

### *Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività*

9. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitàjiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza għe kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjieg jew tal-iskadenza tiegħu.

### *Benefiċjarji eliġibbli*

10. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 2 411.

### *Deskrizzjoni tal-eventi li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività*

11. Is-sensji f'Van Hool huma relatati ma' diversi fatturi bħall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-domanda għall-kowċis u l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-istruttura tal-kostijiet.
12. Bejn l-2012 u l-2019, il-bejgħ medju ta' Van Hool fl-Ewropa kien ta' 427 unità fis-sena. Il-bejgħ naqas għal 287 unità fl-2020 u kompla jonqos għal 128 fl-2021<sup>5</sup> minħabba l-impatt tal-pandemija fuq id-domanda għall-kowċis. Konsegwentement, il-profitti naqsu drastikament. Iż-żieda fl-inflazzjoni u t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista komplew iżidu l-pressjoni fuq il-marġnijiet tal-intrapriża. Il-bejgħ irkupra fl-2022 u fl-2023, iżda baqa' f'livelli qrib jew inqas minn daww tal-2020. Il-livelli tal-bejgħ ta' qabel il-pandemija qatt ma reġgħu ntlaħqu.
13. Van Hool ġiet iddikjarata falluta mill-Qorti Kummerċjali ta' Mechelen fit-8 ta' April 2024. B'konsegwenza ta' dan, 2 411-ilħaddiem ġew issensjati.

### *Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjieg*

14. Skont il-Federazzjoni tal-Intrapriżi Belġjani (VBO, Verbond van Belgische Ondernemingen), l-industrija Belġjana bħalissa tinsab f'perjodu ta' attività baxxa. Fl-ewwel nofs tal-2024, intilfu aktar minn 5 000 impjieg fis-settur industrijali minħabba r-ristrutturar u l-falliment ta' kumpaniji bħal Decathlon, Pfizer, Barry Callebaut, Audi u Sappi.
15. Is-settur industrijali tradizzjonalment kellu rwol importanti f'Lier (id-distrett ta' Mechelen fir-Reġjun ta' Antwerp), u huwa għalhekk li t-tnaqqis industrijali qed ikollu impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol ta' Lien. Aktar minn 25 % tal-impjieg f'Lien kienu marbuta mal-industrija fl-2020. Fl-2023, 3 snin wara, il-perċentwal kien naqas b'aktar minn tliet punti perċentwali. Din ix-xejra 'l isfel hija kkonfermata minn tnaqqis fl-għadd ta' postijiet vakanti rrappurtati lis-servizzi tal-impjieg Fjammingi (VDAB<sup>6</sup>) fir-rigward ta' Lien. Fl-2023, il-postijiet vakanti fis-setturi industrijali u mhux industrijali naqsu bi 13 % u b'14 % rispettivament meta mqabbla mal-2022.
16. Ħafna mill-ex ħaddiema ta' Van Hool jgħixu f'Lien u fil-muniċipalitajiet tal-madwar. L-għeluq tal-intrapriża wassal għal tfixkil sinifikanti fis-suq tax-xogħol lokali. Skont VDAB, f'April 2024 — ix-xahar li fih Van Hool iddikjarat falliment — il-qgħad żdied bi 32 % f'Berlaar, bi 23 % f'Heist-op-den-Berg, bi 17 % f'Nijlen u b'14 % f'Lien, u ħalla lil 1 minn kull 10 residenti fl-età tax-xogħol qiegħda f'Lien u Berlaar.
17. Filwaqt li l-ħaddiema bi kwalifiki tekniċi qed jirritornaw għax-xogħol relattivament malajr fir-reġjun, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u daww akbar fl-età għandhom ħafna inqas opportunitajiet biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. Is-sensji f'Van

<sup>5</sup> Sors: [Sustainable Bus](#).

<sup>6</sup> Vlaamse Dienst voor Arbeidsbemiddeling en Beroepsopleiding (VDAB).

Hool laqtu l-aktar lil dawn il-gruppi vulnerabbli. Wieħed minn kull 3 ħaddiema li ngħataw is-sensja għandu aktar minn 50 sena u 8 minn kull 10 għandhom edukazzjoni sekondarja jew inqas, u hiliyet li ma għadhomx rilevanti. Hija meħtieġa assistenza mmirata li tiffoka fuq it-titjib tal-hiliyet u t-taħriġ mill-ġdid biex jiżdiedu l-possibbiltajiet li l-ħaddiema jirritornaw għax-xogħol.

### **Applikazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar**

18. Il-Belġju ddeskriva kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar.
19. Il-Belġju rrapporta li l-liġi nazzjonali dwar ix-xogħol<sup>7</sup> dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar tirrikjedi li l-intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar jistabbilixxu unità tal-impjiegi, li l-għan tagħha huwa li tipprovi lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-kuntast ta' sensji kollettivi bi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' 3 xhur (60 siegħa f'6 xhur għall-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena). Madankollu, dan ir-rekwiżit ma japplikax fil-każ ta' falliment.
20. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jassisti lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġju rrapporta li l-ewwel miżuri biex jappoġġa lill-ħaddiema (sessjonijiet ta' informazzjoni u reġistrazzjoni) tnedew fit-22 ta' April 2024, ġimagħtejn wara l-falliment. Ftit wara ġew organizzati s-servizzi ta' rikollokament u fiera tal-impjiegi<sup>8</sup>.

### *Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

21. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumie x se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.
22. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn.

### *Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali*

23. Il-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom u mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691.
24. Bl-għan li jitħejja pakkett sod ta' miżuri mfassla apposta biex jappoġġaw l-isforzi tal-ex ħaddiema ta' Van Hool biex jirritornaw għax-xogħol, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema Federazzjoni Ġenerali Belġjana tax-Xogħol (ABVV)<sup>9</sup>, ABVV Metaal, il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Insara (ACV)<sup>10</sup>, u l-Konfederazzjoni Ġenerali tat-Trade Unions Liberali tal-Belġju (ACLVB)<sup>11</sup> ġew ikkonsultati fil-laqgħat li saru fid-29 ta' Marzu u l-5 ta' April 2024.

### **Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti**

#### *Benefiċjarji fil-mira*

25. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 2 397. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-

<sup>7</sup> Id-Digriet Reġju tal-10 ta' Novembru 2006 li jemenda d-Digriet Reġju tad-9 ta' Marzu 2006

<sup>8</sup> Il-fiera tal-impjiegi saret fin-Nekkerhal f'Mechelen, fit-28 ta' Mejju 2024

<sup>9</sup> Algemeen Belgisch Vakverbond.

<sup>10</sup> Algemeen Christelijk Vakverbond.

<sup>11</sup> Algemene Centrale der Liberale Vakbonden van België.

diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv hija kif ġej:

| Kategorija                     |                                                                                        | Għadd ta' beneficijarji mistennija |          |
|--------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------|----------|
| Ġeneru:                        | Irgħiel:                                                                               | 2 145                              | (89,5 %) |
|                                | Nisa:                                                                                  | 252                                | (10,5 %) |
|                                | Mhux binarji                                                                           | 0                                  | (0,0 %)  |
| Grupp ta' età:                 | Taħt it-30 sena:                                                                       | 159                                | (6,6 %)  |
|                                | Bejn it-30 u l-54 sena:                                                                | 1 354                              | (56,5 %) |
|                                | Iktar minn 54 sena:                                                                    | 884                                | (36,9 %) |
| Livell edukattiv <sup>12</sup> | Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas <sup>13</sup>                        | 568                                | (23,7 %) |
|                                | Edukazzjoni sekondarja <sup>14</sup> tat-tieni livell jew postsekondarja <sup>15</sup> | 1 483                              | (61,9 %) |
|                                | Edukazzjoni terzjarja <sup>16</sup>                                                    | 346                                | (14,4 %) |

#### *Miżuri proposti*

26. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:
- Konsulent għall-Intervent Soċjali (SIA, Social Intervention Advisor) u r-reġistrazzjoni tal-ħaddiema: Is-sessjonijiet ta' informazzjoni li fihom il-konsulenti għall-intervent soċjali jinfurmaw lill-ħaddiema dwar l-appoġġ disponibbli biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tagħhom għall-impjieg u r-reġistrazzjoni tal-ħaddiema huma l-ewwel servizzi offruti lill-ħaddiema kollha li jingħataw is-sensja.
  - Rikollokament: Fil-Belġju, il-pakketti personalizzati ta' miżuri kofinanzjati mill-FEG jikkomplementaw l-obbligu legali għal min iħaddem deskritt fil-paragrafu 19. Madankollu, peress li s-sensji seħħew bħala riżultat tal-falliment tal-intrapriża, l-ex ħaddiema ta' Van Hool ma jirċevux tali servizzi. Din il-miżura ta' rikollokament se tipprovidi lill-ħaddiema ssensjati kollha,

<sup>12</sup> Għal 346 ħaddiem il-livell edukattiv ma kienx magħruf fiż-żmien tal-applikazzjoni.

<sup>13</sup> ISCED 0-2

<sup>14</sup> ISCED 3

<sup>15</sup> ISCED 4

<sup>16</sup> ISCED 5-8

irrispettivament mill-età tagħhom, b'60 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament. Is-servizzi jinkludu appoġġ amministrattiv u psikoloġiku, sessjonijiet ta' valutazzjoni personali (x'nista' nagħmel, xi rrid nagħmel, eċċ.), valutazzjoni tal-ħiliet diġitali, assistenza fit-tiftix ta' impjieg jew assistenza lejn impjieg indipendenti, pariri dwar in-negozjar ta' kuntratti ta' impjieg, eċċ.

Il-persuni li ma għandhomx ħiliet diġitali se jirċievu taħriġ bażiku fl-ICT u appoġġ addizzjonali permezz ta' digibanks, fejn il-ħaddiema jistgħu jissellfu laptop, jirċievu taħriġ dwar kif jużawh u jiksbu tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom marbuta mal-qasam diġitali. Dawk li diġà għandhom xi ħiliet diġitali jistgħu jtejbuhom permezz ta' webinars u għodod online oħra, bħal 123digit.be.

- Appoġġ għat-tiftix ta' impjieg u kollokament f'impjieg: Flimkien ma' appoġġ għat-tiftix ta' impjieg u għajnuna fit-tħejjija għal applikazzjonijiet futuri għal impjieg, din il-miżura tinkludi l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' tiftix ta' impjieg, bħal fieri tal-impjieg, u t-tiftix ta' impjieg biex jinstabu postijiet tax-xogħol vakanti potenzjali li jistgħu jkunu adattati għall-ex ħaddiema ta' Van Hool.
  - Gwida vokazzjonali: Qed jiġu offruti diversi servizzi ta' gwida vokazzjonali biex ikopru l-ħtiġijiet ta' gwida ġenerali jew in-nuqqasijiet, bħal pereżempju li ma jkunx hemm għan realistiku fir-rigward tal-impjieg, li ma jintlaħqux ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol jew li wieħed ma jkollux ħakma tajba tal-Olandiż.
  - Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali: Bi qbil mal-konsulent vokazzjonali dwar il-proġetti individwali, se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jaqdi l-ħtiġijiet identifikati. Il-ħaddiema se jkollhom ukoll aċċess għal firxa wiesgħa ta' taħriġ fosthom taħriġ offrut mill-VDAB jew mill-fornituri tat-taħriġ.
  - Taħriġ fuq il-post tax-xogħol: Il-ħaddiema jirċievu taħriġ fuq il-post tax-xogħol fl-intrapriża li se timpjegahom wara t-taħriġ. Skont il-ħtiġijiet tal-ħaddiem, it-taħriġ jista' jidur bejn 4 ġimgħat u 26 ġimgħa. It-taħriġ huwa segwit minn kuntratt ta' impjieg, jew permanenti jew għal terminu fiss, ta' mill-inqas l-istess durata tat-taħriġ.
27. It-taħriġ fl-ICT u l-appoġġ addizzjonali previsti fis-servizzi ta' rikollokament jippermettu t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.
28. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
29. Fir-rigward tal-attivitajiet li diġà twettqu għall-assistenza tal-ħaddiema ssensjati, il-Belġju informa li l-obbligu legali ta' min iħaddem li jipprovdi servizzi ta' rikollokament lill-ħaddiema ssensjati ma japplikax peress li l-intrapriża falliet. Madankollu, l-appoġġ lill-ħaddiema beda ġimagħtejn wara s-sensji, kif deskritt fil-paragrafu 20.
30. Il-Belġju pprovda l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri mhumix se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

*Baġit stmat*

31. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 9 410 607, u jinkludu nefqa ta' EUR 9 034 607 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 376 000 għal attivitajiet ta' thejġija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
32. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 7 999 015 (85 % tal-kostijiet totali).
33. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju speċifika li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mill-VDAB.

| Miżuri                                                                                                                                                            | Għadd stmat ta' parteċipanti | Kost stmat għal kull parteċipant (EUR) <sup>17</sup> | Kostijiet totali stmati (EUR) <sup>18</sup> |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|------------------------------------------------------|---------------------------------------------|
| Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)                                          |                              |                                                      |                                             |
| Konsulent għall-Intervent Soċjali u r-reġistrazzjoni tal-ħaddiema (SIA, <i>Inschrijving bij VDAB</i> )                                                            | 2 397                        | 84                                                   | 200 741                                     |
| Rikollokament ( <i>Bemiddeling en begeleiding naar werk: Outplacementbegeleiding SIF</i> )                                                                        | 2 397                        | 1 252                                                | 3 000 000                                   |
| Appoġġ għat-tiftix ta' impjieg u kollokament f'impjieg ( <i>Actieve bemiddeling en begeleiding naar werk, organisatie jobbeurs</i> )                              | 1 000                        | 937                                                  | 937 083                                     |
| Gwida vokazzjonali ( <i>Bemiddeling en begeleiding naar werk via tenderpartners</i> )                                                                             | 100                          | 4 500                                                | 450 000                                     |
| Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali ( <i>Aanbod opleidingen in eigen beheer, aanbod erkende opleidingen bij partners, opleidingen ikv SIF budget</i> ) | 450                          | 9 839                                                | 4 427 583                                   |
| Taħriġ fuq il-post tax-xogħol ( <i>Opleiding in de onderneming (IBO)</i> )                                                                                        | 20                           | 960                                                  | 19 200                                      |
| Subtotal (a):<br>Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati                                                                                               | —                            |                                                      | 9 034 607<br>(100 %)                        |
| Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691                                                                                                   |                              |                                                      |                                             |
| 1. Attivitajiet ta' tħejjija                                                                                                                                      | —                            |                                                      | 50 000                                      |

<sup>17</sup> Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.

<sup>18</sup> It-totali ma jaqblux minhabba l-ittondjar.

|                                                    |   |           |
|----------------------------------------------------|---|-----------|
| 2. Ġestjoni                                        | – | 160 000   |
| 3. Informazzjoni u pubbliċità                      | – | 8 000     |
| 4. Kontroll u rapportar                            | – | 158 000   |
| Subtotal (b):                                      | – | 376 000   |
| Perċentwal tal-kostijiet totali:                   | – | (4,00 %)  |
| Kostijiet totali (a + b):                          | – | 9 410 607 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali) | – | 7 999 015 |

#### *Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa*

34. Il-Belġju beda jipprovdri s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-22 ta' April 2024. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-22 ta' April 2024 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
35. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex jimplimenta l-FEG fl-14 ta' Marzu 2024. In-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-14 ta' Marzu 2024 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

#### **Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

36. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispjega r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-VDAB. Il-pagamenti se jsiru mis-servizz finanzjarju tal-VDAB. Id-dipartiment tal-finanzi u l-baġit – Unità tal-Awditjar tal-Awtorità tal-Awditjar Fjamminga għall-Fondi Strutturali Ewropej hija l-awtorità tal-awditjar għall-FEG.

#### **Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat**

37. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
  - il-prinċipji tat-trattament uguali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
  - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
  - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
  - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

#### **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

##### **Proposta baġitarja**

38. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju

pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>19</sup> emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024<sup>20</sup>.

39. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 7 999 015, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
40. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>21</sup>.

#### **Atti relatati**

41. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 7 999 015 għal-linja baġitarja rilevanti.
42. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509<sup>22</sup>. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

---

<sup>19</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

<sup>20</sup> ĠU L 2024/765, 29.2.2024, p. 4.

<sup>21</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni tal-Belġju – EGF/2024/003 BE/Van Hool**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>23</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>24</sup>, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u billi jgħinhom jirritornaw għal impjieg diċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>25</sup> emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765<sup>26</sup>, u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fid-29 ta' Ottubru 2024, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Van Hool fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE)

<sup>23</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>24</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28

<sup>25</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

<sup>26</sup> ĠU L 2024/765, 29.2.2024, p. 4.

2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 7 999 015 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien biex jiġi mmobilizzat l-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2025, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 7 999 015 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]*<sup>\*</sup>.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>27</sup> COM(2025) 001

<sup>\*</sup> Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.